# TRIBUNAL INDUSTRIALI

# Decizjoni Numru 2090

**Kaz Numru 2657DeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Nazzareno Falzon**

**u**

**Air Malta plc.**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum l-Erbgha 6 ta' Lulju 2011**

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar it-22 ta' Jannar 2009.

**2. Rapprezentanza**

2.1 Nazzareno Falzon, li minn issa 'l quddiem se jissejjah ir-rikorrent, kien meghjun mill-Avukat Owen Bonnici.

2.2 Il-kumpanija Air Malta plc. li minn issa 'l quddiem se tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn Mark Galea u Paul Spiteri meghjuna mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

**3. Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrent beda fl-impjieg mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Airport Handler* f'April 1999. Matul l-impieg tieghu hu qeda dmirijietu tajjeb u qatt ma kien imwiddeb dwar xi nuqqasijiet. Nhar is-26.05.08, waqt li kien qieghed jaqdi dmirijietu, waslet bagalja fuq ic-cinga biex titghabba fuq it-*trolley* li kellha z-zipp imbexxaq. Meta din il-bagalja tpoggiet fuq it-*trolley* biex tittiehed u titghabba fuq l-ajruplan, waqghu minnha erba' pakketti

sigaretti. F'dan il-hin ir-rikorrent kien wahdu u fehem li l-ahjar li jaghmel kien li jzomm l-erba' pakketti fil-but tieghu, biex meta jkun jista' jaghtihom lill-*Head Loader* jew lid-*Despatcher*. Wara li t-tijira nghalqet u kien se jirkeb biex jibda jsuq lejn l-ajruplan, resqu fuqu zewg impjegati ta' l-M.I.A., suldat, u impjegat ta' l-O.M.A.S. Ir-rikorrent minn jheddu hareg l-erba' pakketti mill-but u kkunsinnahom lis-suldat, ingiebu l-Pulizija, irtirawlu l-*pass* ta' l-O.M.A.S. u kien sospiz minghajr paga. Fuq medda ta' zmien sa l-15.01.09 attenda ghal sensiela ta' seduti ta' smigh dixxiplinarju li wasslu ghat-temma ta' l-impieg.

## 4. Lista tax-xhieda

4.1 Roderick Bajada, Patrick Cuschieri, Mark Galea, Paul Spiteri u Lawrence Zammit xehdu ghall-kumpanija intimata.

4.2 Ir-rikorrent xehed ghalih innifsu.

## 5. Lista ta' dokumenti

5.1 Ir-rikorrent esebixxa d-dikjarazzjoni tal-kaz.

5.2 Il-kumpanija intimata esebiet:

5.2.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz.

5.2.2 Kopja ta' sensiela ta' dokumenti konsistenti f'26 pagna komplessivament immarkati, Dok. PS1.

5.2.3 Kopja ta' ftehim kollettiv ghaz-zmien bejn il-11.04.00 u l-31.03.04 immarkata Dok. PS1a.

5.2.4 Diska li turi l-incident li sehh nhar is-26.05.08 immarkata Dok. PS1b.

5.2.5 Kopja ta' pagna 8 tal-ftehim li jirregola r-relazzjoni tax-xoghol bejn il-kumpanija intimata u l-Malta Internal Airport plc. immarkata Dok. LZ1.

## 6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 **Roderick Bajada,** impjegat mal-kumpanija MIA plc. fil-kariga ta' *Head Human Resources,* stqarr li fil-kaz ta' offiza li tkun sehhet fil-mitjar minn impjegat ta' kuntrattur u li tkun skoperta minn ufficjali ta' l-MIA plc., l-istess kumpanija taghmel rapport lill-ufficjal tas-sigurta' tal-kuntrattur u l-kaz jimxi 'l quddiem skond il-procedura interna tad-dixxiplina tal-kuntrattur, u l-MIA plc. tinzamm mgharrfa bl-ezitu ta' l-investigazzjoni, u

tiehu l-*pass*i mehtiega jekk ikun bzonn. Fil-kaz li l-offiza li ssir tkun skoperta mill-istess kuntrattur, dan jgharraf lill-MIA plc. b'dak li jkun sehh u wkoll bl-ezitu ta' l-investigazzjoni, u tiehu l-*pass*i mehtiega jekk ikun bzonn. F'kaz ta' offizi serji u decizjoni ta' htija, l-MIA plc. tista' tiddeciedi li l-impjegat ma jkomplix jintbaghat jahdem fil-mitjar. Ix-xhud kompla li dak li sehh f'dan il-kaz jaghmel parti mid-dmirijiet tal-*Head of Security* ta' l-MIA plc. u mhux tieghu. Zied jghid li hu ma jaf xejn dwar il-kaz odjern u dawk li jistghu jixdhu dwar dan huma l-*Head of Security* u *Chief Executive Officer* ta' l-MIA plc. u l-Kap ta' l-O.M.A.S.

6.2 **Patrick Cuschieri**, impjegat fil-kariga ta' *Head of Security* ma' l-MIA plc., stqarr li ma tezisti ebda procedura interna miktuba li tirregola dak li ghandu jsir f'kaz ta' offizi li jsiru fil-mitjar minn impjegati tal-kuntratturi li jaghtu servizz fil-mitjar. Zied jghid li f'kaz ta' offizi minn impjegati tal-kumpanija intimata jsir rapport lill-*Head of Security*, Alphonse Cauchi, u kkonferma li l-MIA plc. ma tidhol xejn fl-amministrazzjoni ta' *l-O.M.A.S pass*. Ix-xhud ikkonferma li l-kumpanija intimata ghamlet talba lill-*O.M.A.S* biex jerga' jinhareg il-*pass* li kien inzamm lil Carmel Falzon, li kien akkuzat b'offiza simili ghal dik tar-rikorrent, izda minn dak iz-zmien 'l hawn ghadha ma saret ebda laqgha ta' *l-O.M.A.S*, u allura l-hrug tal-*pass* ghadu pendenti.

6.3 **Nazzareno Falzon,** ir-rikorrent, stqarr li wara zmien jahdem fuq kuntratt kazwali mal-kumpanija intimata, fl-2004 inghata kuntratt ghal zmien indefinit fil-kariga ta' *Airport Handler* biex jaghmel xoghol manwali li jinkludi hasil u sewqan ta' vetturi, u hatt u taghbija ta' bagalji. Nhar is-26.05.08 kien mitlub u accetta jahdem bis-sahra biex ihott u jghabbi l-bagalji. Wara nofs il-lejl kien mitlub u accetta jahdem bhala xufier. F'xi hin kienet qieghda titghabba titjira, u meta kien fadal ftit hin biex tinghalaq, siehbu mar jiehu xi haga x'jiekol u hu baqa' wahdu jkompli sakemm tinghalaq it-titjira u jsuq it-*trolleys* mghobbija lejn l-ajruplan. Waqt li kien qieghed jistenna ra bagalja b'fetha fiz-zipp, li minnha kienu jidhru xi pakketti tas-sigaretti. Dahlu l-ahhar erba' bagalji u meta ghabbiehom erba' pakketti tas-sigaretti zzerzqu ghal fuq il-qiegh tat-*trolley*. Meta ra hekk ippanikja ghaliex ma kienx jaf x'ser jaqbad jaghmel. Qaghad bil-qieghda u tefa' zewg pakketti fil-but tal-qalziet fuq naha, u t-tnejn l-ohra fuq in-naha l-ohra bil-hsieb li galdarba hu ma jpejjipx, meta jitla' fuq jaghtihom jew lill-*Head Loader* jew lid-*Despatcher*. Meta kien tiela fit-trukk biex isuq lejn l-ajruplan resqu fuqu impjegati ta' l-MIA plc. u ta' *l-O.M.A.S* flimkien ma' suldat u talbuh biex ifittxulu. Qabel ma fittxewlu qabad u tahom l-erba' pakketti sigaretti u qalilhom x'kien fi hsiebu jaghmel meta jasal fejn l-ajruplan. Xi hadd gab lill-*pass*iggier minn fuq l-ajruplan u minkejja li dan qallu li seta' jehodhom sar rapport lill-Pulizija. Wara l-incident kien sospiz mix-xoghol, thallas sakemm spiccalu l-*leave* u xejn aktar. Ir-rikorrent stqarr li qabel ma hadem mal-kumpanija intimata kien jahdem bhala bennej,

u kellu diversi okkazjonijiet fejn seta' jiehu oggetti proprjeta' ta' haddiehor minghajr hadd ma jinduna, izda qatt ma abbuza.

6.4 **Mark Galea,** impjegat fil-kariga ta' *General Manager-Human Resources* mal-kumpanija intimata, stqarr li fost affarijiet ohra xoghlu jinkludi l-amministrazzjoni tal-procedura interna tad-dixxiplina. Zied jghid li f'Mejju 2008 kien mgharraf li r-rikorrent kien instab fil-pussess ta' oggetti li ttiehdu mill-bagalja ta' *pass*iggier. *L-O.M.A.S* irtirat il-*pass* tar-rikorrent bil-konsegwenza li ma kienx aktar possibbli li jintbaghat jahdem *"air side"* fil-mitjar u l-kaz inghata f'idejn il-Pulizija. Minbarra dan, il-kumpanija intimata waslitilha ittra minghand il-Kap Ezekuttiv ta' l-MIA plc. fejn dan gharrafha li l-kumpanija tieghu ma rditx li r-rikorrent ikompli jintbaghat jaqdi dmirijietu f'xi post fil-mitjar kemm *"air side"* kif ukoll *"land side"* amministrat minnha. Ix-xhud zied jghid li l-kumpanija intimata segwiet il-process intern tad-dixxiplina kif mibdul bil-*memorandum of understanding*, ir-rikorrent instab hati u l-*General Manager* iddecieda li jtemm l-impieg tar-rikorrent. Ir-rikorrent appella l-piena, u l-Bord ta' l-Appell ikkonferma kemm il-htija, u minhabba l-irtirar ta' *l-O.M.A.S pass* u l-fatt li l-kumpanija MIA plc. zammet il-pozizzjoni taghha li r-rikorrent ma riditux jahdem aktar fil-mitjar, u l-fatt li l-kumpanija intimata ma seghetx toffrilu impieg alternattiv, ikkonfermat ukoll id-decizjoni tal-*General Manager* li jtemmlu l-impieg. Ix-xhud temm jghid li l-kumpanija intimata ghandha diversi kumpaniji sussidjarji li jimpjegaw numru ta' haddiema, izda dawn mhumiex jimpjegaw persuni minbarra l-grupp, ghajr f'karigi specjalizzati.

6.5 **Paul Spiteri**, impjegat mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Assistant Manager* fid-Dipartiment tar-Rizorsi Umani, stqarr li fost dmirijiet ohra hu jamminstra l-procedura interna tad-dixxiplina u esebixxa sensiela ta' dokumenti rigwardanti l-kaz odjern li kienu komplessivament immarkati PS1. Ix-xhud ikkonferma li waqt l-impieg tieghu, ir-rikorrent qatt ma kien imwiddeb bil-miktub. Ix-xhud zied jghid li nhar is-26.05.08 kien wasallu rapport li r-rikorrent instab fil-pussess ta' erba' pakketti sigaretti li kienu proprjeta ta' *pass*iggier li kien ser isiefer fuq titjira minn Malta. Wasallu wkoll rapport li *l-O.M.A.S.* kienet irtirat il-*pass* tar-rikorrent bil-konsegwenza li l-kumpanija intimata kienet kostretta tordna lir-rikorrent li jmur bil-*leave* imhallas, u meta dan jintemm biex ikompli bil-*leave* minghajr hlas. Dan kollu sehh ghaliex il-kumpanija ma kellhiex xoghol alternattiv li setghet taghti lir-rikorrent. Fl-istess jum ir-rikorrent kien akkuzat bil-miktub bl-offiza relatata ma' l-incident u mgharraf bil procedura pendenti. Nhar il-05.06.08 waslet ittra minghand il-Kap Ezekuttiv ta' l-MIA plc. fejn inkiteb li din ma riditx li r-rikorrent jahdem aktar fil-mitjar. Fl-14.08.08 il-Bord tad-dixxiplina sab lir-rikorrent hati ta' l-akkuza kontrih u rrakkomanda sospensjoni mix-xoghol minghjar paga ghal sitt xhur. Il-piena kienet ezaminata mic-Chairman tal-kumpanija intimata li bidilha f'wahda ta' temma ta' l-impieg. Nhar l-24.09.08 l-

Avukat tar-rikorrent appella mill-piena tat-temma ta' l-impieg. Il-Bord ta' l-Appell ikkonferma l-htija u l-piena u r-rikorrent intemmlu l-impieg. Ix-xhud ikkonferma li ghalkemm f'dawn l-ahhar erba' snin u nofs kien hemm numru ta' kazi ohra ta' akkuzi serji, ma kienx hemm kaz iehor fejn l-impjegat intemmlu l-impieg. B'rizultat ta' tiftix li x-xhud kien mitlub jaghmel fis-seduta precedenti, meta rega' deher ikkonferma d-dettalji li jsegwu:

6.5.1 Fl-1985 kien hemm kaz ta' kutrabandu u l-impjegat kien instab hati fil-Qorti tal Magistrati, ikkundannat b'sentenza ta' sitt xhur habs u ntemmlu l-impieg. Fl-1995 rega' kien impjegat mal-kumpanija intimata.

6.5.2 Fis-sena 2002 impjegat kien akkuzat li ghen fl-importazzjoni ta' annimali li l-importazzjoni taghhom f'Malta hi projbita. L-impjegat ghadu barra jistenna *l-O.M.A.S pass*.

6.5.3 Fl-2004 kien hemm kaz ta' serq ta' telefon cellulari minghand passiggier, li kien jinvolvi erba' impjegati li l-kazi taghhom kienu processati kif jidher hawn taht:

6.5.3.1 Anthony Cassar kien sospiz mix-xoghol b'nofs paga, processat internament, sospis ghal sitt xhur, izda ma setax jidhol jahdem immedjatament minhabba li *l-O.M.A.S pass* kien irtirat. Il-kumpanija intimata applikatlu ghall-*pass* u meta dan inhareg fl-2007 l-impjegat rega' dahal jahdem.

6.5.3.2 Anthony Spiteri kien sospiz mix-xoghol b'nofs paga, u processat internament u fil-Qorti tal-Magistrati. Il-Bord tad-dixxiplina sabu hati u rrakkomanda t-temma ta' l-impieg li nbidlet f'sitt xhur sospensjoni minghajr paga wara l-appell. Il-Qorti tal-Magistrati sabitu hati u ssentenzjatu ghal piena sospiza ghal sentejn. Il-kumpanija intimata applikatlu ghall-*pass* u meta dan inhareg l-impjegat rega' dahal jahdem f'Ottubru 2007.

6.5.3.3 Daniel Paul Grima kien sospiz mix-xoghol b'nofs paga, processat internament, u fil-Qorti tal-Magistrati. Il-Bord tad-Dixxiplina sabu hati u nghata sitt xhur sospensjoni minghajr paga konfermata wkoll fl-appell. Il-Qorti tal-Magistrati ssentenzjatu ghal sittax -il xahar habs sospizi ghal sentejn li nbidlet fl-appell ghal tliet snin *probation*. Il-kumpanija intimata applikatlu ghall-*pass* u meta dan inhareg fl-2009 l-iimpjegat rega' dahal jahdem.

6.5.4 Stephen Aquilina kien sospiz mix-xoghol b'nofs paga, processat internament, u fil-Qorti tal-Magistrati. Il-Bord tad-Dixxiplina sabu hati u nghata sitt xhur sospensjoni minghajr paga. Il-Qorti tal-Magistrati sabitu hati u ssentenzjatu ghal sittax -il xahar habs sospizi ghal sentejn li  nbidlet fl-appell ghal sitt xhur *probation*. Il-kumpanija intimata applikatlu ghall-*pass* u meta dan inhareg u kien ser jiddahhal lura fl-impieg, irrizenja minn jeddu.

Wara li sehh il-kaz tar-rikorrent, Carmel Falzon, impjegat fil-kariga ta' *Airport Handler,* kien akkuzat li seraq par zarbun mill-bagalja ta' passiggier, u l-kumpanija MIA plc. Kitbet ittra lill-kumpanija intimata fejn stqarret li ma riditux jerga jintbaghat jahdem fil-mitjar. L-impjegat kien sospis b'nofs paga, ipprocessat internament u l-Bord tad-Dixxiplina rrakkomanda t-temma ta' l-impieg, izda l-kumpanija intimata ssospendietu ghal sena minghajr paga.  Minhabba li l-kumpanija MIA plc. ma komplietx tinsisti fuq ir-rifjut li ghamlet rigwardanti r-ritorn tieghu biex jahdem fil-mitjar, u wriet li kienet sodisfatta b'sospensjoni ta' sena, il-kumpanija intimata applikatlu ghall-pass, izda dan ghadu ma nharigx u l-impjegat qieghed fuq *leave* minghajr hlas.

Fil-kaz odjern il-kumpanija intimata ma applikatx ghall-hrug ta' *l-O.M.A.S* pass ghaliex intemmlu l-impieg minhabba li l-kumpanija MIA plc. ma riditux lura jahdem fil-mitjar.

6.6 **Lawrence Zammit,** impjegat fil-kariga ta' *Chairman* mal-kumpanija intimata, stqarr li meta l-kaz ingieb ghall-konjizzjoni tieghu, hu ha sehem f'diskussjoni dwar il-mizuri prekawzjonarji meta kien deciz li r-rikorrent ikun sospiz minghajr hlas, izda cahad li f'dak l-istadju kien ga ddecieda li jtemm l-impieg tar-rikorrent. Zied jghid li skond il-ftehim kollettiv vigenti, f'kaz ta' htija l-Bord tad-dixxiplina fl-ewwel stadju jirrakkomanda l-piena, u wara din tkun deciza mic-*Chairman* tal-kumpanija intimata. Minhabba l-effett li kazi ta' serq ta' oggetti mill-bagalji ta' passiggieri jista' jkollhom fuq ir-reputazzjoni tal-kumpanija intimata, u fid-dawl ta' ittra li waslitlu minghand il-Kap Ezekuttiv ta' l-MIA plc., fejn ghall-ewwel darba din iddikjarat, kif kellha dritt taghmel skond il-kuntratt ta' servizz bejn iz-zewg kumpaniji li ma riditx li r-rikorrent jerga' jintbaghat jahdem fil-mitjar, bhalma gara f'kazi ohra fl-imghoddi, u l-fatt li l-kumpanija intimata kienet qieghda taghmel ristrutturar, u ma kienx hemm xoghol alternattiv ghar-rikorrent, iddecieda li jtemm l-impieg tar-rikorrent.  Ix-xhud ikkonferma li l-kumpanija intimata ghandha rapprezentant f*l-O.M.A.S*. Ix-xhud stqarr ukoll li sa fejn jaf hu *l-O.M.A.S* qatt ma regghet approvat il-hrug mill-gdid ta' pass li kien sospis fuq akkuzi serji. Ix-xhud ikkonferma li Carmelo Falzon instab hati ta' serq mill-bagalja ta' passiggier, Censu Spiteri nstab hati ta' pussess ta' oggetti li fuqhom ma thallasx dazju,

Godfrey Ciangura nstab hati ta' offiza ta' pussess ta' droga f'post estranju mill-mitjar, u dwar Joseph Bugeja ma kien jaf xejn.

**7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet**

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Andrew Borg Cardona ghall-kumpanija intimata:

7.1.1 stqarr li:

- Permezz ta' process intern dixxiplinarju, ir-rikorrent instab hati ta' offiza ta' serq ta' proprjeta minn bagalja ta' passiggier, liema offiza wasslet biex ikun irtirat il-pass ta' *l-O.M.A.S* li hu mandatarju biex jahdem *"air side"* fil-mitjar.

- Dak li hu materjali ghal dan il-kaz hu l-fatt li fiz-zmien meta l-kumpanija intimata hadet id-decizjoni li ttemm l-impieg, hi kellha dikjarazzjoni miktuba tal-kumpanija MIA plc. li tipprojbixxi lir-rikorrent milli jahdem aktar fi kwalsijasi post fil-mitjar.

- F'kazi ta' offizi simili li sehhu qabel, il-kumpanija ma kinitx irceviet dikjarazzjoni minghand l-MIA plc. ta' projbizzjoni rigwardanti impjegati taghha li ma setghux ikomplu jahdmu fi kwalsijasi post fil-mitjar, u konsegwentement setghet tagixxi differenti.

- Il-fatti ghad-dispozizzjoni tal-kumpanija intimata fil-mument meta ttiehdet id-decizjoni tat-temma ta' l-impieg tar-rikorrent, kienu jiggustifikaw it-temma ta' l-impieg.

- M'hemm ebda dikjarazzjoni pubblika mill-Gvern li hu l-azzjonist ewlieni li ser jassorbi l-impjegati li jistghu jispiccaw *redundant* b'rizultat tar-ristrutturar kontemplat fil-gejjieni qarib.

Fid-dawl ta' dak kollu li jidher hawn fuq, it-Tribunal Industrijali hu mistieden jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Owen Bonnici f'isem ir-rikorrent:

7.2.1 Stqarr li:

- Minn wara li twaqqfet *l-O.M.A.S* kien hemm diversi okkazjonijiet li sehhu kemm gewwa u barra l-mitjar li wasslu ghal akkuzi dixxiplinarji serji kontra impjegati tal-kumpanija intimata. Wara l-kaz tar-rikorrent, sehh kaz simili li fih kien involut Carmelo Falzon. Il-kumpanija intimata f'kull kaz inkluz dan ta' l-ahhar, izda mhux fil-kaz tar-rikorrent, ordnat lill-ufficjali taghha biex wara l-iskuntjar tal-piena jergghu japplikaw ghall-hrug mill-gdid ta' *l-O.M.A.S pass.* Dan gara ghaliex ir-rikorrent kien ntemmlu l-impieg minflok inghata sospensjoni.

- Ghamel riferenza ghall-kazi kollha li ssemmew mix-xhud Paul Spiteri fejn intqal li f'kull kaz l-impjegati thallsu nofs paga matul iz-zmien kollu tal-process dixxiplinarju intern, li fl-uniku kaz li ghalih il-Bord tad-dixxiplina intern irrakkomanda t-temma ta' l-impieg, il-kumpanija intimata bidlet il-piena f'sospensjoni, u konsegwentement hadd minnhom ma ntemmlu l-impieg, u li r-raguni li dawk li ma dahlux lura fl-impjieg, inkluz Carmel Falzon li l-kaz tieghu sehh wara dak tar-rikorrent, hi ghaliex wiehed irrizenja minn jeddu, u l-ohrajn qeghdin ikunu registrati fuq *leave* minghajr hlas sakemm jinhargilhom *l-O.M.A.S pass*.

- Ghalkemm hu minnu li l-kumpanija intimata ser tkun kostretta tirristruttura biex tkun vijabbli, il-Gvern, li hu l-azzjonist ewlieni ga ghamel dikjarazzjoni pubblika li hu ser jassimila l-impjegati li jispiccaw *redundant* mill-ezercizzju mistenni.

7.2.2 Talab biex fid-dawl ta' dak kollu li jidher hawn fuq, it-Tribunal Industrijali jiddikjara:

- Li t-temma ta' l-impieg tar-rikorrent saret bi ksur tal-Ligi.

- Jordna li r-rikorrent jerga' jinghata l-impieg lura, u jkompli jkun registrat fuq leave minghajr hlas jistenna sakemm jerga' jinhariglu *l-O.M.A.S pass* li jippermettilu jkompli jaghmel xoghlu fil-mitjar jew zviluppi ohra ta' possibilita' ta' impieg alternattiv.

## 8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

8.01 It-termini ta' riferenza tal-kaz ma jippermettux li t-Tribunal Industrijali jikkunsidra provi li jirrigwardaw hlasijiet nieqsa waqt kwalsijasi stadju tal-process dixxiplinarju intern, anki jekk, kif inhu allegat, dawn il-fatti jiksru l-ftehim kollettiv.

8.02 Wara li l-kumpanija intimata, fin-nuqqas ta' oggezzjoni mid-difiza, irtirat l-ittra datata 05.06.08, mibghuta mill-Kap Ezekuttiv ta' l-M.I.A. plc. lill-Kap Ezekuttiv tal-kumpanija intimata, il-Bord intern tad-dixxiplina ta' l-ewwel stadju ddecieda dwar il-htija, sab lir-rikorrent hati ta' l-akkuza kontrih, u rrakkomanda sospensjoni mix-xoghol ghal sitt xhur minghajr hlas. Din ir-rakkomandazzjoni ta' piena kienet konformi ma' pieni ohra precedenti.

8.03 Il-kumpanija intimata, konformi mal-provvedimenti tal-ftehim kollettiv, kienet fid-dmir li tikkonsidra r-rakkomandazzjoni ghall-piena tal-Bord tad-Dixxiplina fid-dawl ta' l-ittra datata 05.06.08. Minhabba fid-dikjarazzjoni li kien hemm f'din l-istess ittra, u fic-cirkustanzi ta' ristrutturar li kienet tinsab fihom il-kumpanija intimata, u li matulhom ma setatx toffri xoghol jew sit ta' xoghol alternattiv, id-decizjoni taghha li tibdel il-piena u ttemm l-impieg tar-rikorrent ma tistax titqabbel ma' dak li sehh fl-imghoddi f'kazijiet ta' offizi serji. Dan ghaliex fl-imghoddi la kien hemm tali dikjarazzjoni mill-M.I.A. plc. u lanqas ma kien hemm l-istess cirkustanzi kummercjali ta' ristrutturar.

8.04 Il-Bord ta' l-Appell iddispona mill-aggravji kollha mressqa mir-rikorrent u sabu hati ta' l-akkuza. L-istess Bord ikkonferma l-piena tat-temma ta' l-impieg deciza mic-Chiarman tal-kumpanija intimata, fid-dawl ta' l-ittra datata 05.06.08.

8.05 Id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar il-piena ttiehdet fid-dawl ta' konferma minghand il-kumpanija intimata, li ma kellhiex xoghol jew sit alternattiv ghar-rikorrent fejn seta' jintbaghat jahdem. Anki f'dan l-istadju, il-Bord ta' l-Appell ghall-istess raguni li ma kiienx hemm ittri simili minghand l-M.I.A. plc. fl-imghoddi, ma setax jaghti kunsiderazzjoni tal-pieni f'kazi precedenti, u lanqas ma seta' jikkonsidra l-kaz ta' Carmel Falzon li sehh numru ta' xhur wara dak tar-rikorrent.

8.06 Jirrizulta mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali li l-process tas-smigh li ghamlet il-kumpanija intimata, kemm dak ta' l-ewwel stadju kif ukoll ta' l-appell, kienu konformi mal-provvedimenti tal-ftehim kollettiv, kif mibdula bil-*memorandum of understanding*.

8.07 Mill-assjem tal-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta li r-rikorrent hu hati ta' l-akkuza kontrih. Minhabba l-fatt li fil-kaz tar-rikorrent din kienet l-ewwel darba li l-kumpanija M.I.A. plc. kitbet l-ittra datata 05.06.08 fejn iddikjarat li ma kinitx lesta taccetta lura lir-rikorrent biex jahdem fil-mitjar, id-decizjoni tal-kumpanija intimata fiz-zmien meta kienet konfermata wara d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell, ma tistax titqabbel ma' decizjonijiet tal-kumpanija intimata ta' l-imghoddi f'kazijiet komparabbli.

8.08 Ir-rikorrent intavola r-rikors tieghu nhar it-22.01.09, izda l-kaz ta' Carmel Falzon, impjegat mal-kumpanija intimata li kien akkuzat b'offiza simili ghal dik tar-rikorrent, sehh numru ta' xhur wara din id-data. It-Tribunal Industrijali ma jistax jiehu konjizzjoni tal-kontenut ta' l-ittra datata 01.06.09 mibghuta mill-Kap Ezekuttiv ta' l-M.I.A. plc. lill-Kap Ezekuttiv tal-kumpanija intimata, fejn fiha rtira l-projbizzjoni li Carmel Falzon jerga' jkollu opportunita' li jahdem fil-mitjar.

## 9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, jaqta' u jiddeciedi li t-temma ta' l-impieg tar-rikorrent nhar il-15.01.09, li saret fid-dawl ta' l-ittra ta' l-M.I.A. plc. datata nhar il-05.06.08, saret ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-Ligi.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u sbatax -il centezmu (€93.17).

______________________

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**